# GUSTAVO SOLER, IL-PERIT TAL-KOPPLA TAL-KNISJA TAL-LUNZJATA L-QADIMA

## Tagħrif dwaru u dwar il-koppla mġarrfa fit-Tieni Gwerra Dinjija

*mir-Rev. Dr. Alan Joseph Adami OP u Ivan Said*



Mitt sena ilu d-Dumnikani tal-Birgu ddeċidew li jibnu koppla għall-Knisja tal-Lunzjata li kienet ilha mibnija xi 300 sena. Din il-knisja antika kienet ta' ġmiel tal-għaġeb u kellha minn kollox ħlief koppla, aktarx għaliex diversi periti kienu tal-fehma li l-istruttura tal-knisja ma kinitx tiflaħ għall-koppla.

Iżda kellu jkun il-Perit Gustavo Soler, imwieled l-Isla u maħbub sew mill-Ġirbin, li sfida l-fehma ta' ħafna u fassal koppla li tlestiet seba' xhur biss wara.

Il-koppla tfasslet mill-Perit Soler, ix-xogħol tal-bini tagħha tmexxa mill-imgħallem Għawdxi Luigi Vella filwaqt li ġiet skulturata minn Toni Agius.[1] Barra li fassal il-koppla tal-Lunzjata, jidher li Soler mexxa wkoll xi xogħol ta' restawr fil-knisja.[2]



EGO INFRASCRIP.
SANCTÆ INS. COLLEGIATÆ
NATIVITATIS
SUB TITULO
INVIC. CIV. SENGLEÆ

ARCHIP. & PAROCH.
ET PAROCH.
B. MARIÆ
DE ...
MELITEN. DIOC.

Omnibus ac singulis ad quos spectat, fidem facio ac testor Libro Baptizatorum - Vol: XV Fol: 247 hujus Paroc. reperiri inter caeteras sequentem notulam; videlicet:
"Anno Domini Millesimo octingentesimo nonagesimo primo. (1891.) Die Tertia (3) Novembris.
Ego Joseph Tagliaferro Archip. et Parochus, baptizavi infantem hodie natum ex Joanne Soler, et Aemilia Nicolich conj. ... cui impositum est nomen, Gustavus, Joseph, Ed... Patrini fuere Edwinus et Clorinda filii predicti Joannis Soler.

In cujus rei fidem
Die 10 Septembris 1901
Joseph Tagliaferro S. Th. D.
Archip. et Parochus



207
9. 3. 12

DECLARATION TO BE MADE BY APPLICANT FOR PASSPORT.

(a) Senglea ~~March~~ 1912

I, the Undersigned, (b) Gustavo Soler ~~...~~ residing at Sda Due Porte Senglea hereby declare that I am

(c) { For a Married Woman or Widow, to be struck out in other cases) Particulars of Husband's birth to follow — the wife / widow of ... and that my husband is / late husband was }

a (d) British subject having been born at Senglea Malta on the 3 day of Nov. 1891

{ For Persons born Abroad who derive British nationality from a father or paternal grandfather born within His Majesty's Dominions (To be struck out in other cases) — my father / paternal grandfather having been born within His Majesty's Dominions at ... on the ... day of ... }

and not having lost the status of British Subject thus acquired, and I hereby apply for a Passport for the purpose of travelling to (e) Tripoli

(f) Signed Gustavo Soler

And I, the Undersigned, (g) Eligio Castaldi ... residing at 80 Sda SS Pietro Paolo Senglea hereby declare that to the best of my knowledge and belief the above made Declaration of the said Gustavo Soler is true, and that he/she is a fit and proper person to receive a Passport

Signed Eligio Castaldi ...

(a) Insert name of Place and Date
(b) Christian Names and Surname of the applicant in full, and present address
(c) In the case of a Married Woman or Widow, the particulars of birth required are those of her Husband or late Husband—not of the applicant herself
State whether a British born Subject or a naturalised British Subject. In the case of a naturalised British Subject, particulars of birth need not be given
(d) State whether proceeding, and Names of persons by whom accompanied ...

*Fuq ix-xellug, iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Soler u fuq il-lemin, l-applikazzjoni tal-passaport ta' Soler.*

### Il-Perit tal-Koppla, Gustavo Soler

Il-Perit Gustavo Soler PAA[3] twieled fit-3 ta' Novembru, 1891, fi Triq iż-Żewġ Mini, l-Isla, u hu iben Giovanni Soler u Emilia née Nicolich.[4] Jidher li Soler dam joqgħod l-Isla għall-anqas sal-1912 – hekk turi l-applikazzjoni tiegħu għall-passaport (ara kopja tal-applikazzjoni). Iżda xi żmien f'ħajtu dan il-perit żagħżugħ iċċaqlaq u mar joqgħod fil-pjazza ewlenija tal-Birgu, fid-dar fejn illum hemm il-każin tal-Banda San Lawrenz.[5] Jidher li fil-Birgu Soler kien attiv u maħbub ħafna.

Bħala perit, barra ix-xogħol li wettaq fil-Knisja tal-Lunzjata, hu mexxa xi xogħlijiet maġġuri oħra fil-gżira. Hu kien responsabbli mir-restawr tat-Teatru Manoel bejn l-1906 u l-1907 wara li l-familja Gollcher xtrat it-teatru. 'Tra il 1906 e 1907 ebbe luogo un nuovo restauro del Manoel sotto la direzione dell'architetto Gustavo Soler,' jikteb il-Professur Joe Eynaud, 'Non risparmiò alcune fatiche il detto architetto per conservare nella sua originalità tanto la disposizione del teatro quanto la sua sobria decorazione.'[6] Dr Paul Xuereb, l-istoriku tat-teatru, jagħtina aktar dettalji dwar dan il-proġett u filwaqt li jindika 1908 bħala s-sena tar-restawr, jikteb: 'The main change carried out during this operation, which was under the direction of the architect Gustave Soler, was the removal of the parterre boxes, which made it possible for the number of stalls to be increased. The narrow entrances into the pit were enlarged, and the entire auditorium redecorated.'[7]

Soler kien responsabbli wkoll mill-bini mill-ġdid tas-saqaf tal-knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt,[8] wara li sarlu ħsara bit-terremot li seħħ fit-18 ta' Settembru 1923.[9]

### Soler Politiku u Traduttur Letterarju

Bejn il-11 u t-13 ta' Ġunju 1932 saru l-elezzjonijiet ġenerali li ntrebħu mill-Partito Nazionalista, immexxi minn Dr Enrico Mizzi u Sir Ugo Mifsud. Hawn il-PN kien l-akbar partit peress li rebaħ 21 mit-32 siġġu tal-Assemblea Leġislattiva u 5 mis-7 siġġijiet tas-Senat. Soler kien wieħed mit-tliet deputati li telgħu f'din il-Leġislatura – qasira ħafna għax ġiet xolta ħesrem – f'isem il-PN mir-raba' distrett li għal dik l-elezzjoni kien magħmul mill-Birgu, Bormla, il-Kalkara, Wied il-Għajn u Ħaż-Żabbar. Jidher li din kienet l-uniku darba li Soler daħal għall-politika għax ismu qatt ma deher aktar fl-istorja politika u elettorali ta' pajjiżna.[10]

Fl-1946, Soler ippubblika bil-Malti, f'*Leħen il-Malti*, tnejn mill-*operette* ta' Giacomo Leopardi:[11] *Dialogo di un venditore d'almanacchi e di un passeggere* u *Il Copernico,* maqlubin bħala, *Il-bejjiegħ tal-almanakki*[12] u *Il-Koperniku*.[13]

Soler miet fl-14 ta' Awwissu, 1955.[14]

### Il-Bini tal-Koppla

Meta d-Dumnikani waslu fil-Birgu fl-4 ta' Frar tal-1528, huma sabu diġà knisja li fiha setgħu jiffunzjonaw. L-eqdem dokumentazzjoni dwar dan il-maqdes insibuh fl-1445, meta l-isqof ta' Malta Mons. Senatore de Mello approva t-twaqqif tal-Konfraternità ta' Santa Marija.

Sal-1500, din il-Knisja saret magħrufa taħt it-titlu ta' Santa Marija Annunzjata, jew fil-qosor, il-Lunzjata, u hekk fil-fatt għaddiet f'idejn id-Dumnikani meta niżlu l-Birgu.[15]



Il-faċċata tal-Knisja l-Ġdida u l-Kampnar Medjevali

Minħabba l-prominenza li kiseb il-Borgo bil-miġja tal-Kavallieri fl-1530, fl-1636 inħass il-bżonn li flok il-Knisja l-qadima, tittella' waħda ġdida akbar u isbaħ. L-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida tqiegħdet fit-23 ta' Marzu tal-1636 mill-Inkwiżitur Fabio Chigi (1634-1639), li aktar tard tela' fuq is-sedja pontifiċja bl-isem ta' Alessandru VII. Il-knisja tal-Lunzjata l-ġdida tlestiet fl-1657 u ġiet inawgurata mill-Isqof ta' Malta, Mons. Michele Balaguer (1635-1663), lejlet il-festa ta' San Duminku, nhar it-3 ta' Awwissu 1657.[16]

Il-knisja l-ġdida nbniet fi stil Korintu, li dik il-ħabta xejn ma kien komuni f'Malta, u kienet intgħoġbot ferm tant li l-ewwel storiku Malti, Ġan Franġisk Abela, iddeskrivieha, 'insigne e molto ragguardevole chiesa, adorna di molte cappelle, e fondationi di quei principali cittadini, servita con molto decoro.'[17] Fin-nava ċentrali wieħed kien isib sett ta' kolonni stil Korintu li jwasslu sal-altar maġġur bil-kor warajh. Il-knisja kellha ħafna altari u żżejnet ukoll b'bosta xogħlijiet sbieħ tal-arti u b'opri tal-artiġjanat hekk li mal-medda taż-żmien saret magħrufa bħala waħda mill-isbaħ knejjes ta' gżiritna.



Dehra tal-Knisja tal-Lunzjata fl-1907 qabel ma nbniet il-koppla

Mal-bini tal-knisja l-ġdida, mill-binja l-qadima kien inżamm biss il-kampnar Medjevali, li kien jifred

Kunsill Lokali Birgu
Città Vittoriosa

**Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera,
l-Aġent Segretarju Eżekuttiv,
l-istaff klerikali u l-impjegati kollha
flimkien mal-familji tagħhom,
jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd**



il-kunvent mill-knisja min-naħa tat-triq. Meta d-Dumnikani bdew jibnu l-kunvent, lil dan il-kampnar qadim kienu żdiedulu xi taqsimiet ġodda mill-arkitett Ġirbi Ġilormu Cassar (c. 1520-1592).

B'xorti ħażina, il-Knisja l-ġdida ġarrbet ħsarat serji meta splodiet il-polverista f'Lulju tal-1806. Kien sar xogħol estensiv ta' tisħiħ fl-istruttura tal-knisja, li kienet theżżet sewwa. Madanakollu, xorta waħda dan il-maqdes baqa' jiżżejjen bl-isbaħ opri tal-arti, bħal ngħidu aħna, is-saqaf sabiħ ta' Lazzaro Pisani u l-gallerija tal-orgni bid-disinn ta' Ġużeppi Gonzi u Ġużè Decelis, li b'ħasra kbira t-tnejn intilfu bil-qerda tal-Gwerra.

Fil-bidu tas-seklu 20 bdiet tikber ix-xewqa fost il-patrijiet u l-partitarji Dumnikani tal-Birgu li l-knisja tal-Lunzjata tinbnielha koppla. Iżda minħabba dik it-theżżiża li kienet għaddiet minnha l-knisja ftit inqas minn mitt sena qabel, kien hemm il-biża' li l-pilastri ma jkunux jifilħu għall-piż tal-koppla. Jingħad li saħansitra kien hemm xi ħsieb biex, minflok tal-ġebel, sabiex jittaffa l-piż, il-koppla kellha tinbena ta' xi materjal ieħor, bħall-azzar, aluminju, injam jew xi materjal ieħor ħafif.[18]

Indaħlu għar-responsabiltà tal-bini tal-koppla l-ġdida l-pirjol ta' dik il-ħabta, P. Alfons Maria Spiteri OP u l-perit Gustav Soler li qatgħuha illi din kellha tinbena tal-ġebel. Għall-bini tqabbad, l-Għawdxi, Wiġi Vella u għall-iskultura, Anton Agius, mill-Birgu.[19]



It-tqegħid tal-ewwel ġebla sar mill-pirjol Spiteri fit-12 ta' Ġunju tal-1924[20] u l-bini dam għaddej seba' xhur.[21] Ix-xogħol fuq il-koppla tlesta s-sena ta' wara u din tbierket mill-Isqof Awżiljarju ta' Malta, id-Dumnikan Mons. Anġlu Portelli, nhar 23 ta' Awwissu 1925 (ara r-ritratt fuq il-lemin).[22] Id-diskors tal-okkażjoni fl-inawgurazzjoni tal-koppla l-ġdida sar mill-avukat Serafin Vella.

Wara għaxar snin li nbniet, il-patrijiet qabbdu lill-artist Taljan Giambattista Conti (1878-1970) biex ipitter serje ta' tmien pannelli mill-isbaħ li jirraffiguraw siltiet mill-ħajja ta' Kristu. Kien jonqos pannell wieħed biss biex titlesta l-koppla, meta din iġġarfet fil-blitz tal-Ġermaniżi fid-19 ta' Jannar 1941.[23] Fil-verità, il-koppla nfisha ma waqgħetx mill-ewwel u baqgħet tistrieħ fuq tliet pilastri sakemm fil-lejl tat-3 ta' Frar, 1941, wara jum ta' xita bil-qliel u riħ qawwi, iġġarrfet kompletament.[24] Fi kliem il-ġuljanista tal-Kunvent ta' dik il-ħabta, P. Ugo Callus, il-koppla 'mietet qabel ma twieldet' (*morì prima di nascere*).[25]

**Għeluq**

Għad-Dumnikani fil-Birgu, il-bini tal-koppla ma kienx biss it-tkomplija tat-tisbiħ tal-knisja tagħhom iżda wkoll bħal donnu sinjal tal-preżenza tad-Dumnikani fil-Birgu li, minħabba l-pożizzjoni tagħha hekk fil-quċċata tal-Borgo, setgħet tintlemaħ mill-inħawi kollha tal-Kottonera. Forsi għalhekk Valent Barabra erbgħa u sittin sena ilu – proprju fil-ftuħ tal-knisja l-ġdida ta' wara l-Gwerra – għanna,

*X'jimporta li ġġarrfet il-ġebla*
*Mill-koppla saz-zokklu tar-rħam*
*L-ispirtu qatt jista' jitherra*
*bil-ħbit tal-azzar u tar-ram?!*[26]









*Fuq ix-xellug, it-tqegħid tal-ewwel ġebla fit-12 ta' Ġunju 1924. Fin-nofs u fuq il-lemin, it-tqegħid tas-salib fuq il-lanterna fit-28 ta' Diċembru 1924.*





*Fuq ix xellug, dehra mill-bogħod tal-koppla ta' Soler (fuq ix xellug imtarraf) u fuq il-lemin, il-koppla ta' Soler tgħib f'Jannar 1941 (Sors: Id Dumnikani Maltin fi Żmien il Gwerra 1939-1945 ta' Mikiel Fsadni OP, 1977, p. 174).*

Għalhekk il-ħila arkitettonika tal-perit Soler, mhux biss tibqa' mfakkra għaliex irnexxielha ttella' koppla li tikkumplimenta l-arkitettura sabiħa iżda delikata u fraġli tal-knisja l-qadima tal-Lunzjata, imma wkoll għaliex bil-koppla tal-Lunzjata huwa ħażżeż mill-ġdid il-wiċċ qadim iżda dejjem ħlejju tal-Belt Rebbieħa.

## Referenzi


[1] Attard, A. (2002). Il-knisja u l-kunvent tal-Lunzjata. *Festi solenni San Duminku ta' Guzman,* il-Birgu, 2003, p. 50.

[2] Ellul, M. Maltese-English Dictionary of Architecture and Building in Malta (Malta, 2009), p. 143

[3] *Perito Architetto Agrimensore* kienet ekwivalenti għal Arkitett u Land Surveyor, il-kwalifika ta' perit dak iż-żmien. Fl-1928 in-nomenklatura ta' PAA ġiet superata u nbidlet għall-Perit u Inġinier Ċivili (Architect & Civil Engineer). Din l-informazzjoni tahieli l-Professur Conrad Thake f'komunikazzjoni privata bl-email.

[4] Ara arkivji.org.mt/atom2/index.php/passport-application-of-soler-gustavo u www.geni.com/people/Gustav-Soler/6000000038261266466

[5] Ara vittoriosahistorica.org/news-2017-04.html

[6] Eynaud, J. Il teatro melodrammatico maltese, *Journal of the Faculty of Arts,* 6(3), (1976), p. 261.

[7] Xuereb, P. The Manoel Theatre – A short history (Malta, 1994), pp. 109-10.

[8] Ellul, M. Maltese-English Dictionary of Architecture and Building in Malta (Malta, 2009), p. 143.

[9] Galea, P., Seismic history of the Maltese islands and considerations on seismic risk, *Annals of Geophysics,* 50(6),(2007), p. 735.

[10] Schiavone, M.J. L-elezzjonijet f'pajjiżna bi sfond storiku 1800-2013 (Malta, 2013), p. 189.

[11] Leopardi hu magħruf l-aktar bħala poeta iżda fil-verità hu kien filologu u filosofu li tana ħafna xogħlijiet ta' proża fosthom l-*Operette morali* (1827) li huma kitbiet filosofiċi li juru t-twemmin tiegħu dwar id-dispramento li ħafna minnhom kitibhom f'forma ta' djalogi.

[12] Leopardi, G., 'Il-Bejjiegħ tal-Almanakki', traduzzjoni ta' G. Soler, *Leħen il-Malti* (1946), pp. 59-60.

[13] Leopardi, G., 'Il-Koperniku – I & II', traduzzjoni ta' G. Soler, *Leħen il-Malti* (1946), pp. 78-82 u pp. 112-16.

[14] https://www.geni.com/people/Gustav-Soler/6000000038261266466

[15] Fsadni OP, M. Id-Dumnikani fir-Rabat u l-Birgu sal-1620 (Malta, 1974), p. 72

[16] Vella, A. *Storja tal-Knisja tal-Lunzjata* (Malta, 1965), p. 14.

[17] Abela, G.F. Della descrittione di Malta isola nel mare Siciliano con le sve antichita ed altre notitie (Malta, 1647), libro III, n. IV, 361: https://books.google.com.mt/books?id=KjHnAAAAMAAJ&printsec=frontcover&source=gbs_ge_summary_r&cad=0#v=onepage&q&f=false [aċċessat 3 ta' Lulju 2024].

[18] Ara Vella, A. *Storja tal-Knisja tal-Lunzjata*, p. 22.

[19] Attard A. Id-Dumnikani fil-Birgu (Malta, 2021), p. 57.

[20] Ara Arkivju ta' Sidtna Marija Annunzjata, il-Birgu, MS 22.7, p. 210.

[21] Ara l-ġurnal 'Malta' tat-30 ta' Awwissu 1925.

[22] Hemm ftit konfużjoni qalb is-sorsi tagħna dwar id-data ta' meta nbniet sewwasew il-koppla. Fsadni u Attard jagħtu l-1925 bħala d-data tal-bini tal-koppla (ara Fsadni OP, M. Id-Dumnikani Maltin fi Żmien il-Gwerra 1939-1945 [Klabb Kotba Maltin, 1977] , p. 179; Attard A. Id-Dumnikani fil-Birgu, p. 57). Vella huwa inqas ċar u jgħid biss li 'fl-aħħar tas-sena 1925, [Spiteri u Soler] irnexxielhom iseħħu l-ħolma ta' kulħadd,' għad li mbagħad iżid jgħid illi l-inawgurazzjoni seħħet f'Awwissu tal-1925 (ara Vella, *op. cit*., p. 22). Għaldaqstant, il-bini kien diġà seħħ qabel tmiem is-sena 1925. Il-kronista tal-Kunvent, min-naħa l-oħra, jagħti 'Il Giovedi 13 Giugno 1924' bħala d-data tat-tqegħid u t-tberik tal-ewwel ġebla. Din id-data hija korroborata minn skrizzjoni taħt ritratt ta' din iċ-ċerimonja anke jekk din tagħti, it-12 ta' Ġunju 1924. Aktarx li din tal-aħħar hija aktar preċiża għaliex it-13 ta' Ġunju, fl-1924, ħabat il-Ġimgħa mhux il-Ħamis u huwa aktar probabbli li awtur jiżbalja f'parti mid-data milli d-data kollha kemm hi. Ma' dan inżidu li l-ġurnal *Malta* tal-25 ta' Awwissu 1925 jgħid li l-koppla tlestiet wara seba' xhur. Dan huwa msaħħaħ mill-fatt li ritratti oħrajn li juru t-tqegħid tas-salib fuq il-lanterna tal-koppla l-ġdida huma datati 28 ta' Diċembru 1924, li jfisser allura illi x-xogħol tal-bini, jekk ma kienx lest, kien avvanzat ferm. Għaldaqstant, nifhmu li l-bini aktarx tlesta f'Jannar tal-1925 (seba' xhur wara) u baqa' sejjer fix-xhur l-oħra sakemm tlestew ix-xogħlijiet fuq l-aperturi u l-lavur tal-ġebla. Fsadni probabbilment ma kienx preċiż fi kliemu meta qal li l-bini tal-koppla seħħ fl-1925 meta dan seħħ fil-verità fit-tieni nofs tas-sena 1924 u spiċċa f'Jannar tal-1925.

[23] Fsadni OP, M. Id-Dumnikani Maltin, p. 179.

[24] Attard, A. Il-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata fl-Birgu, *Festi Solenni San Duminku ta' Guzman* (Malta, 2010), p. 51.

[25] Arkivju ta' Sidtna Marija Annunzjata, il-Birgu, MS Ugo Callus, *Irradiazione Domenicana alla Vittoriosa attraverso Quattro Secoli (1528-1942)*. Il-'ġuljanista' huwa isem ieħor għall-kronista tal-Kunvent jiġifieri dak li jżomm il-kronaka, li fil-kunventi Dumnikani hija aktar magħrufa bħala l-'Giuliana.'

[26] Ara Arkivju ta' Sidtna Marija Annunzjata, il-Birgu, MS 22.11.